MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 141/2012

**Anthony Bajjada**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appellat Anthony Bajjada tal-21 ta' Frar 2013 fejn talab li l-appell tieghu jinstema' Ghawdex u dan a bazi tal-artikolu 41(7) tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Awtorita irrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti.

L-appellat qed jistrieh fuq l-artikolu 41(7) tal-kap. 12 li jghid hekk:
Meta l-Qorti tal-Appell tkun ser tisma' appelli … minn sentenzi jew deċiżjonijiet ta' xi bord jew tribunal mogħtija minn dak il-bord jew tribunal meta joqgħodu f'Għawdex, dik is-seduta għandha ssir fil-bini tal-Qrati ta' Għawdex, u

għall-finijiet ta' dawk l-appelli r-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandu wkoll ikun ir-Reġistru tal-Qorti tal-Appell.

Gie verbalizzat quddiem din il-Qorti illi s-seduta quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar saru f'Ghawdex fuq talba tal-appellat mhux opposta u s'intendi bl-adezjoni tat-Tribunal, pero d-decizjoni nghatat f'Malta.

Din il-Qorti tqis illi dan il-fatt ma jirradikax id-dritt tal-appellat li jisma' l-appell tieghu fil-Qorti ta' Ghawdex.

Jinghad qabel xejn illi l-artikolu 41(7) ipoggi l-enfasi fuq il-kliem decizjonijiet tat-Tribunal moghtija minnu meta joqghod f'Ghawdex.

Hu pacifiku illi t-Tribunal ta- Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar ma joqghodx f'Ghawdex. Il-kelma fit-test Ingliz hu 'sitting'. F'dan il-kaz it-Tribunal ghandu s-sede tieghu f'Malta (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Michael Parnis vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deciza fil-5 ta' April 2013).

Il-ligi qed tipprospetta, fil-fehma tal-Qorti, mhix illi, bi ftehim, it-Tribunal jisma' l-provi f'Ghawdex ghax iqis fid-diskrezzjoni tieghu (billi l-ligi ma tirregolax il-procedura f'kazijiet simili) li jkun aktar konvenjenti ghal partijiet specjalment meta s-sit mertu tal-applikazzjoni ta' ippjanar ikun f'Ghawdex, izda meta l-istess Tribunal joqghod f'Ghawdex. Il-ligi qed tipprospetta li t-Tribunal ghandu s-sede tieghu f'Ghawdex mnejn temani d-decizjoni u fejn il-proceduri quddiem it-Tribunal jigu promossi f'Ghawdex. Dan mhux il-kaz peress illi appelli quddiem it-Tribunal iridu jigu pprezentati f'Malta fis-sede tal-istess Tribunal u ma hemm ebda Tribunal regjonali ghal Ghawdex.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tichad it-talba tal-appellat li l-appell tieghu jinstema' f'Ghawdex. Bl-ispejjez kontra l-appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------